MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 120/2007

**MCL Components Limited (C2361)**

**vs**

1. **Nazzareno sive Ronnie Cauci (karta tal-identita numru 518543(M))**
2. **Anthony Busuttil (karta tal-identita numru 309247(M))**
3. **David Agius (karta tal-identita numru 243953(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Frar, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-intimati jinsabu debituri, solidalment bejtniethom, tas-socjeta rikorrenti fis-somma komplessiva ta' disghat elef mija sebgha u sittin Lira, u sitta u erbghin centezmu

(LM9,167.46), liema somma tinkorpora fiha l-imghax relattiv dekors sal-10 ta’ Novembru, 2006, u dana bhala l-bilanc tal-prezz pattwit ghat-trasferiment maghmul mill-istess socjeta’ rikorrenti favur l-istess intimati tal-ishma fis-socjeta’ Marsalite Limited skond kuntratt iffirmat fit-13 ta’ Lulju 2001 (Dokument “A”);

Illi dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu, u dovut, kif jirrizulta mir-rendikont hawn esebit bhala Dokument “B”, u l-intimati m’ghandhom ebda eccezzjoni x’jaghtu kontra t-talba rikorrenti ghall-hlas immedjat ta’ dan id-dejn;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex din it-talba rikorrenti tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

Illi nonostante interpellati, anke permezz ta’ zewg ittri ufficjali tat-22 ta’ Gunju 2005 u tal-15 ta’ Novembru 2006, debitament notifikati lill-intimati, l-istess intimati baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi dan il-kaz bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;
2. Tikkundanna lill-intimati, solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti is-somma komplessiva ta’ disghat elef mija sebgha u sittin Lira, u sitta u erbghin centezmu (LM9,167.46), liema somma tinkorpora fiha l-imghax relattiv dekors sal-10 ta’ Novembru 2006, u dana bhala l-bilanc tal-prezz pattwit ghat-trasferiment maghmul mill-istess socjeta’ rikorrenti favur l-istess intimati tal-ishma fis-socjeta’ Marsalite Limited skond kuntratt iffirmat fit-13 ta’ Lulju 2001;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-22 ta’ Gunju 2005 u tal-15 ta’ Novembru 2006 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghax ulterjuri dekorribbli wara l-10 ta’ Novembru 2006

fuq id-debitu kapitali, sal-effettiv pagament, kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-Nota tal-konvenuti Nazzareno sive Ronnie Cauchi u David Agius tal-1 ta' Marzu, 2007 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum fejn l-konvenut Anthony Busuttil deher personalment u ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ppruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi t-tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fir-rikors guramentat bl-imghax kif dedott u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------